MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 2/2015

**Projekte Global Limited debitament rapprezentata minn Desmond Mizzi**

**-vs-**

**Ghajnsielem F.C.**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn is-socjeta′ attrici talbet li s-socjeta′ konvenuta tigi kkundannata thallasha l-ammont ta′ hamest elef sitt mija u tnejn u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€5662.43) liema ammont huwa dovut mill-club konvenut lis-socjeta′ attrici fir-rigward ta′ installazzjoni ta′ *masts, soft netting u fencing*, li saru fuq l-istruzzjonijiet tieghu u kif inhuma ahjar deskritti fil-ftehim anness u mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti kif ukoll bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Ghajnsielem F.C. fejn ecepixxa:

Illi l-esponenti jichdu bl-akbar qawwa l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici kif dedotti u dan stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba r-ragunijiet segwenti:

1. Illi preliminarjament il-procedura adottata mis-socjeta' attrici hija wahda ntempestiva stante illi skont il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, liema ftehim qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A jistabilixxi li l-partijiet kellhom jirrisolvu kwalunkwe pendenzi bejniethom skont l-Att dwar l-Arbitragg u ghaldaqstant din il-Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' l-kaz in vista ta' tali stipulazzjoni maqbula bejn il-partijiet.

2. Illi fit-tieni lok, l-istess ftehim jistabilixxi l-modalita' ta' kif ghandhom isiru l-pagamenti u cioe' illi erbghin fil-mija (40%) mat-tlestija tax-xoghlijiet t'installazzjoni, liema xoghlijiet sal-gurnata tal-lum ghadhom ma humiex lesti, kif ukoll illi s-socjeta' attrici thallset ammonti ferm akbar b'dan illi l-bilanc rimanenti huwa relattivament zghir.

3. Illi fit-tielet lok ix-xoghlijiet ma sarux skont kif miftiehem bejn il-partijiet u jehtieg illi qabel xejn is-socjeta' attrici tottempera ruhha max-xoghlijiet hekk kif pattwiti qabel isir il-hlas a saldu skont il-ftehim.

4. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *in toto* bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' Mejju, 2015 l-Qorti ordnat li jinstemghu l-provi tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat illi fl-istess seduta l-partijiet ghalqu l-provi taghhom dwar l-istess eccezzjoni, ghamlu s-sottomissjonijiet verbali u talbu li tigi prezentata nota ta' referenzi.

Illi fl-istess verbal il-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari ghal-lum.

Rat in-nota ta' referenzi tas-socjeta' attrici;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa minnu li l-fethim datat 12 ta' Lulju, 2014 iffirmat bejn il-partijiet esebit a fol. 2 tal-process jaqra kif isegwi:

*'This agreement shall be regulated by Maltese Law. Any dispute or claim arising out of or relating to his contract, or the alleged breach, termination or invalidity thereof, shall be settled in accordance with the Arbitration Act, Chapter 378 of the Laws of Malta.'*

*Prima facie* ghalhekk jirrizulta li s-Socjeta' attrici ma kellhiex id-dritt li tirrikorri mill-ewwel quddiem din il-Qorti izda kienet marbuta li tintavola Arbitragg.

Illi l-konvenuti odjerni ressqu l-ewwel eccezzjoni taghhom sabiex jirribattu l-fatt li nfethet kawza quddiem din il-Qorti minflok arbitragg kif isegwi:

'Illi preliminarjament il-procedura adottata mis-socjeta' attrici hija wahda ntempestiva stante illi skont il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, liema ftehim qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A jistabilixxi li l-partijiet kellhom jirrisolvu kwalunkwe pendenzi bejniethom skont l-Att dwar l-Arbitragg u ghaldaqstant din il-Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' l-kaz in vista ta' tali stipulazzjoni maqbula bejn il-partijiet.'

Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq l-applikazzjoni tal-Att dwar l-Arbitragg, Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-vertenza bejn il-partijiet u dan bhala '*lex specialis*' li ghandha

tipprevali fuq dik generali li normalment taghti gurisdizzjoni lil din il-Qorti.

Jigi nnutat izda li la darba l-konvenut ghazel li japplika favur tieghu l-provvedimenti l-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta dan kellu jaghmlu b'mod intier u mhux b'mod spezzettat. Fil-fatt l-artikolu 15 (3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

*'Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Porcedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-ftehim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew imhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-fethim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu l-procedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwisjtoni ghandha tigi riferita biss wara li jigu ezawriti proceduri ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet.'*

Din il-klawzola giet interpretata fil-kawza fl-ismijiet **Mario Vella et vs. Malta Industrial Parks Limited** abbilment kwotata mil-Legali tas-Socjeta' attrici deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 30 ta' Settembru, 2014 (364/2013 JZM) fejn inghad kif isegwi:

'Ghal din il-Qorti, huwa car mhux biss dak li qeghdha tghid id-disposizzjoni izda fejn trid twassal. U d-disposizzjoni tghodd ghall-kawza tal-lum. Infatti l-klawsola arbitrali taghmel parti minn konvenju li huwa ftehim bejn il-partijiet u allura tikkwalifika bhala ftehim ta' arbitragg. L-atturi huma parti ghal dak il-ftehim. Mhux kontestat (anzi huwa fatt accettat mill-konvenuta u tinsisti dwaru) li l-infurzar tal-konvenju jista' jintalab b'arbitragg u allura hawn si tratta ta' kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg. L-atturi ghamlu l-kawza kontra l-konvenuta biex jenforzaw il-konvenju u allura bdew procediment legali f'qorti. Issa l-bran mid-disposizzjoni li jolqot il-pern ta' l-istanza tal-lum huwa kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti biex twaqqaf il-procedimenti. Il-konvenuta ma ghamlet l-ebda talba biex twaqqaf il-kawza kif ighid is-subinciz (3).

Min-naha taghhom, l-atturi ma ghandhom l-ebda nteress iwaqqfu l-kawza.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li ladarba anke l-klawsola arbitrali *ut sic* tirreferi ghar-regoli ta` Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta huwa evidenti li d-disposizzjonijiet tal-Kap 387 bhala l-*lex specialis* ighoddu ghall-kwistjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. Hija wkoll il-fehma meqjusa taghha illi ladarba hawn si tratta ta' *lex specialis* kien jinkombi fuq il-konvenuta li jekk riedet tittenta twaqqaf il-kawza tal-lum kellha ssegwi dak li jghid l-Art 15(3) u mhux teccepixxi n-nuqqas tal-gurisdizzjoni tal-qorti skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 li hija l-*lex generalis*. Dan jidher li kienet ukoll il-forma mentis tal-legislatur meta kien tassattiv li jirrendi applikabbli dak li jghid l-Art 15(3) minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kap 12.

Il-linja traccjata minn din il-Qorti twassal ghat-tielet kwistjoni.

In linea ta' principju, il-kunsens hlief fejn il-ligi tirrikjedi l-espressjoni formali tieghu, jista' jkun tacitu, pero', il-komportament li jwassal ghall-prova tal-kunsens irid ikun tali li juri l-volonta' preciza ta' dak li jkun li jaccetta bidla fil-posizzjoni guridika tieghu. Hekk, ir-rinunzja tista' tkun tacita, izda din trid tirrizulta mhux biss minn komportament fis-sens indikat izda l-istess komportament irid jimmanifesta l-intenzjoni li t-titolar tad-dritt irid jirrinunzja ghall-istess. Ir-rinunzji, qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza "Anthony Scerri et v. Anthony Cutajar et" deciza fis-16 ta' Marzu 2005 huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti nkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta` preciza tar-rinunzjant." Hekk ukoll inghad – b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri - minn din il-Qorti (PA/PS) fis-sentenza taghha tal-24 ta` Novembru 2004 fil-kawza "Maria Baldacchino et vs Edwin Pace" :- "Hi del resto enuncjazzjoni ben assodanti illi "rinunzja tacita ghandha tigi nterpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi desunta ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjat l- intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu" (Kollezz. Vol. XXXIV P II p646 ; Carmelo Galea v. Dottor Albert Camilleri nomine, Appell Civili 18 ta` Marzu 1977)."

Dan premess, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti, fondata fuq il-fatti ppruvati fil-kaz tal-lum, illi l-konsegwenza tal-ghazla li ghamlet il-

konvenuta li ma titlobx it-twaqqif tal-procediment tal-lum kif previst mill-Art 15(3) tittraduci ruhha f'accettazzjoni tal-gurisdizzjoni ta' din il-qorti. U bis-sottomissjoni (submission) taghha ghall-gurisdizzjoni tal-qorti, il-konvenuta rrinunzjat, b'mod car u inekwivoku, ghalkemm tacitament, li tenforza l-klawsola arbitrali. Rinfaccjata bil-kawza, u b'disposizzjoni daqstant cara bhalma hija l-Art 15(3) tal-Kap 387, l-uniku mod li kellha l-konvenuta biex tinsisti fuq it-tharis tal-klawsola arbitrali u tittenta tbieghed kull kwistjoni ta' gurisdizzjoni tal-qorti kienet li tmur ghal tharis skrupoluz tad-disposizzjoni.'

Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni moghtija minn dik l-Onorabbli Qorti lill-artikolu in kwistjoni. Fil-kaz odjern jirrizulta li l-Klabb konvenut ma ntavola l-ebda rikors kif jirrikjedi l-artikolu 15 tal-Kap. 387 sabiex din il-Qorti twaqqaf il-proceduri ntavolati quddiemha qabel ma ssottometta l-eccezzjonijiet tieghu. Konsegwenza ta' dan, il-konvenut fil-mument li ma mexiex mad-dettami tal-artikolu 15 tal-Kap. 387 u ghazel b'mod volontarju li jintavola l-eccezzjonijiet tieghu huwa rrinunzja b'mod tacitu ghall-applikazzjoni tal-klawzola arbitrali u ssottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li hija kompetenti sabiex tkompli tisma' l-kawza odjerna.

Bl-ispejjez ta' din istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------